# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 96/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Matthew Silvio**

Seduta tas-26 t'April, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Matthew Silvio, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 280087M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar t'Awissu 2017, naqas milli jaghti lil Maria Angelica Silvio, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Frar, 2018 li biha l-Qorti fuq ammissjoni sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal gimgha detenzzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Matthew Silvio, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 2018, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata moghtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif presenduta mill-Magistrat Dr. Anthony Vella, nhar it-28 ta' Frar 2017 u konsegwentement tillibera lill-esponent appellanti minn kull htija;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-kwerelanta bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;
Semghet lill-kwerelanta bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;
Ikkunsidrat:

1. Illi fl-appell odjern l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghal konkluzzjoni li wasslet ghaliha meta sabitu hati li naqas milli jaghti l-manteniment lill-martu kif orndat mil-Qorti u dan tenut kont tal-istat ta' impossibilita' tieghu li jottemera ruhu. Din il-Qorti ma tistghax tifhem kif l-appellant qed jinterponi dan l-appell kwantu sejbien ta' htija meta kien hu stess li rregistra ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti;

2. Illi minkejja dan, il-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti illi l-appellant ottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fl-obbligu tieghu li jivversa dik ir-retta alimentari lamentata fl-imputatazzjoni wara l-ghoti tas-sentenza mill-ewwel Qorti;

3. Illi ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti sia kwantu jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata hlief jekk dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-dik il-konkluzzjoni, ukoll fil-kaz meta jekk il-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

4. L-appellant mghandux ragun dwar l-ilment tieghu la darba l-ordni tal-Qorti ghal-hlas ta' manteniment kien ghadu fis-sehh u bl'ebda mod emendat jew sospiz;

5. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tichad l-appell kwantu dan jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata taqbel li hemm lok ta' temperament fil-piena u ghalhekk tirriforma l-istess sentenza billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu ghal-

piena ta’ xaharejn prigunerija u minflok tikkundannah ghal-twiddiba.